# It-Tnax-il Ragħaj tal-Parroċċa ta' San Ġiljan

*Mixja storika ta' mija u tmintax-il sena li matulhom il-merħla Ġiljaniża tmexxiet minn ħdax-il ragħaj magħżula għalina mill-Isqfijiet tad-Djoċesi. Niki Papagiorcopulo jagħti ħarsa lejn il-ħidma ta' dawn il-kappillani filwaqt li jislet valuri u merti li spikkaw fihom, u li jawgura li nerġgħu narawhom f'dan it-tnax-il kappillan tagħna*

*jikteb Niki Papagiorcopulo*

***"Kappillan huwa dak il-bniedem li kulħadd jiltaqa' miegħu matul ħajtu. Hu jgħix viċin tal-poplu, fil-qalba tal-parroċċa avdata lilu, f'kuntatt kontinwu mal-problemi ta' kuljum, mal-kategoriji kollha tas-soċjeta': żgħar u kbar, tfal u anzjani; fil-knisja, dar, post tax-xogħol, post ta' rikreazzjoni, postijiet ta' sofferenza; huwa hu li jżur bl-istess imħabba u affinita' villel sinjuri u djar żgħar u fqar. Bis-sagramenti ta' inizjazzjoni, huwa jsib postu maġenb il-ħajja ġdida u t-tfal meta jikbru, kif inhu viċin tal-miżżewġin u tal-vokazzjonijiet, u ta' dawk li wasslu fl-aħħar ta' ħajjithom. Huwa dejjem lest biex jwassal kelma ta' verita', biex jiżra u jkabbar il-ħajja sagramentali, u biex ikun l-istrument ta' l-imħabba ħanina ta' Alla[1]".***

Nhar il-15 ta' April ta' din is-sena l-Kurja Arċiveskovili ħabbret li San Ġiljan kellu jkollha kappillan ġdid u li dan ma kellu jkun ħadd ħlief il-Viċi-Parroku Dun Claude Portelli. Fraħna b'din l-aħbar: li persuna li għexna magħha f'dawn l-aħħar snin fil-ħajja tal-parroċċa kienet imsejħa minn Monsinjur Arċisqof għal din il-missjoni ta' mexxej spiritwali ta' din il-parroċċa kienet aħbar li ġabet ferħ u fl-istess ħin stennija akbar minn tas-soltu għaliex din il-persuna nafuha sew u taf lilna bit-tajjeb u d-difetti tagħna. Il-missjoni ta' kappillan għandha sinjifikat profond, lilhinn minn dak li ħafna drabi naħsbu, kif tindika id-deskrizzjoni tal-Kardinal Castillón Hoyos aktar 'l fuq. Żgur li ċ-ċirkustanzi tal-parroċċa llum m'humiex faċli, iżda nemmen li b'rieda u tama fil-Providenza, il-kappillan il-ġdid għandu jilbes iż-żarbun ta' Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb li huwa lest li jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu[2]. Hija din it-tema tar-ragħaj it-tajjeb li Fr Claude għażel bħal it-tema ta' l-inawgurazzjoni tal-ministeru pastorali tiegħu bħala kappillan.

Iżda wieħed jistaqsi x'jiġifieri li tkun ragħaj? Ir-risposta nistgħu niskopruha fil-persuni tal-predeċessuri ta' Dun Claude, li kollha b'xi mod jew ieħor ippruvaw jilbsu ż-żarbun ta' Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb. Kull wieħed minnhom bil-karattru tiegħu, bit-tajjeb u n-nuqqasijiet kollha tagħhom għamlu mill-aħjar biex jaqdu l-missjoni ta' kappillan. Permezz ta' dan l-artiklu ser nipprova mmur lura fiż-żmien biex nagħti ħarsa lejn il-mexxejja spiritwali tal-poplu Ġiljaniż mit-twelid tal-parroċċa fl-1 ta' Settembru 1891, bl-għoti tad-digriet *'Quum Incloae'* mill-Isqof Pietro Pace. Permezz ta' din il-kitba umilment qed indur ukoll fuq il-kappillan il-ġdid tagħna u nixtiequ li jimita' lill-valuri tajba li l-predeċessuri tiegħu għallmu lill-poplu Ġiljaniż, li bihom ġabu l-parroċċa 'l quddiem. Dan għandu jgħin kemm lil Fr Claude u kemm lilna fil-mixja tagħna bħala membri tal-komunita' parrokkjali Ġiljaniża.

**Dun Ġużepp Xerri D.D. (1891-1896)**
**Missier il-Parroċċa ta' San Ġiljan**

Nistqarr magħkom li l-figura ta' dan is-saċerdot umli dejjem laqtitni, tant li xi snin ilu meta ktibt it-teżi tiegħi fuq il-ħidma tal-kleru u tar-reliġjużi fil-lokalita' ta' San Ġiljan iddeċidejt li niddedikaha lilu wara studju li għamilt fuq il-ħajja u r-rabta ntrinsika tiegħu ma' San Ġiljan[3]. Dun Ġużepp ta ż-żgħożija u l-aħjar snin ta' ħajtu lill-Parroċċa ta' San Ġiljan u kkonsagra ħajtu għall-ġid tal-poplu Ġiljaniż sal-ġurnata ta' mewtu[4]. Meta kien innominat Viċi-Parroku ta' San Ġiljan, il-Prepostu ta' Birkirkara għamel kundizzjoni waħda: li ma kellu jistenna l-ebda salarju jew kumpens mill-Parroċċa Elenjana. Għalhekk Xerri kien jiddependi mid-donazzjonijiet tal-merħla avdata f'idejh u baqa f'din is-sitwazzjoni sa l-1862 meta għamel petizzjoni lill-Gvernatur Sir John Gapard Le Merchant sabiex jingħata benefizzju li kien ġie vakat bil-mewt tal-Kanonku Manwel Rossignaud. Il-poplu Ġiljaniż, li kien sar iħobb lir-ragħaj tiegħu, ffirma petizzjoni oħra li ntbagħtet lill-Gvernatur bl-istess intenzjoni[5].



L-EWWEL KAPPILLAN
Dun Ġużepp Xerri D.D.
(1891-1896)

Bħala ragħaj tal-poplu, il-Viċi-Parroku Xerri ukoll kellu ħafna sfidi x'jaffaċċja. L-akbar preokkupazzjoni tiegħu kienet il-kura ta' l-erwieħ avdati f'idejh, speċjalment fid-dawl tal-Kulleġġ Protestant li nfetaħ fl-inħawi tal-Balluta fl-1860[6]. Xerri għamel kemm felaħ sabiex il-fidili fqar ma jaqgħux fin-nasba tal-Protestanti, li kienu joffru l-flus lil min kien imur jismagħhom. Għal din ir-raġuni huwa kiseb benefizzju magħruf bħala 'Ta' Għerduf', f'Għawdex, mill-Isqof Publiju Sant, biex biha seta jagħti l-karita' lill-fqar u b'hekk jevita li dawn isiru apostati. Huwa waqqaf ukoll istitut għall-istruzzjoni morali u reliġjuża tat-tfal u kien iħallas ukoll il-premjijiet li kienu jingħataw minn butu[7]. Sfida oħra li turina l-kuraġġ u l-imħabba għall-merħla tiegħu kienu l-epidemiji tal-kolera. F'dikjarazzjoni miktuba fl-1866, Xerri jistqarr li bejn l-1849 u l-1866 huwa ta s-servizzi tiegħu tlett darbiet f'epidemiji tal-kolera[8].

L-Isqof Pietro Pace kellu stima kbira lejn Xerri, li kif rajna kien wera ruħu bħala ragħaj ta' merti kbar. Meta San Ġiljan sar parroċċa fl-1891 dan kellu 68 sena u għaldaqstant l-Isqof sab ruħu f'pożizzjoni skomda għaliex Xerri ma kienx ta' l-eta xierqa sabiex jipparteċipa fil-konkors li kien isir biex jinħatar kappillan. Fl-istess ħin, iżda, Pace kien jaf li ħadd ma kien jistħoqqlu din il-kariga aktar minn Dun Ġużepp. Għalhekk l-Isqof għamel petizzjoni lill-Papa Ljun XIII sabiex jafda l-parroċċa l-ġdida f'idejn Xerri mingħajr konkors. Il-Kardinal Isodoro Verga kiteb lura biex jagħti l-permess tiegħu u Xerri ġie nominat l-ewwel Kappillan ta' San Ġiljan fl-10 ta' Ottubru 1891[9]. Gazzetta lokali ferħet lil Xerri tal-kariga l-ġdida u rrapportat li ċ-ċerimonja tal-pussess kellha ssir nhar it-18 ta' Ottubru 1891[10].

Xerri jidher jiffirma bħala kappillan għall-ewwel darba fir-reġistri tal-magħmudijiet fil-15 ta' Ottubru 1891[11], wara perjodu fejn kien jiffirima bħala vigarju kurat[12] (li kien jinħatar mill-Isqof sabiex imexxi l-parroċċa waqt *sede vacante* jew f'dan il-każ sakemm inħatar l-ewwel kappillan wara li ġie ppublikat id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa). Għalkemm mimli bl-eta, Xerri wera l-istess żelu, entużjażmu u determinazzjoni, hekk kif wera fil-perjodu twil li għamel bħala viċi-parroku. Dan nistgħu narawh minn dak li wettaq tul il-parrokat pjuttost qasir tiegħu. Il-knisja tkabbret għad-daqs li nafuha

llum, u baqgħet tiġi mogħnija bl-għamara neċessarja u bl-opri ta' l-arti biex iżejnuha-fosthom l-akbar teżor artistiku li għadna ngħożżu sa llum- il-vara artistika ta' San Ġiljan Ospidalier, tal-magħruf Carlo Darmanin, li twasslet il-knisja tard filgħaxija tat-13 ta' Awwissu 1893[13]. Data importanti oħra f'dan il-parrokat hija dik tad-9 ta' Lulju 1895, jum it-twaqqif tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament. Dun Ġiljan Zammit jidher jiffima l-ewwel ċertifikati tar-reġistrazzjoni u professjoni tal-membri[14].

L-ewwel kappillan ta' San Ġiljan kien tassew ragħaj dedikat għall-merħla tiegħu, liema merħla huwa eduka u rabba fil-fidi, u li għaliha kellu dejjem kelma ta' kuraġġ u ta' mħabba. Kien il-bniedem li kabbar, żejjen u għammar knisja li kienet imneżżgħa minn kollox u żejjinha bl-isbaħ titlu: dak ta' parroċċa. Żgur li l-kappillani ta' San Ġiljan u aħna l-parruċċani għandna ħafna x'nitgħallmu mill-Kappillan Xerri. Bħal Dun Ġużepp, il-Kappillan Claude Portelli għamel perjodu bħala viċi-parroku ta' San Ġiljan. Bħalu sar iħobb lin-nies ta' din il-lokalita' u huma drawh, irrispettawh u ħabbewh lura. Xerri jgħallem lir-ragħajja tal-parroċċa li l-kariga ta' kappillan mhijiex waħda ta' unuri, iżda waħda ta' għotja lil Kristu u lill-merħla li javda f'idejn saċerdoti magħżula. Li tkun kappillan hija stedina biex is-saċerdot jgħix dejjem aktar fil-fond il-wegħdiet li huwa għamel fl-ordinazzjoni djakonali u presbiterali tiegħu.



IT-TIENI KAPPILLAN
Dun Ġiljan Zammit
(1897-1904)

Missjoni oħra tal-kappillan il-ġdid hija dik li fittex u jħeġġeġ dejjem aktar liż-żgħażagħ imħajjrin biex jingħaqdu fis-saċerdozju u jmexxihom f'din it-triq sabiex jgħarrfu dejjem aktar il-vokazzjoni tagħhom. Hawn ukoll Dun Claude jista jsegwi l-eżempju għaqli tal-Kappillan Xerri. Dun Ġużepp kellu l-faraġ li jara kkonsagrat saċerdot lil Ġiljan Zammit, li hu nnifsu kien għammed fl-1870 f'San Ġiljan stess[15]. Dan is-saċerdot kellu jkun il-kollaboratur ewlieni tiegħu[16].

**Dun Ġiljan Zammit (1897-1904)**
**L-Ewwel Saċerdot u Kappillan Ġiljaniz**

Fis-6 ta' Jannar 1885, Dun Ġiljan Zammit libes is-suttana u beda jagħti s-servizz tiegħu fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris sakemm fuq struzzjoni ta' l-amministratur appostoliku beda jagħti s-servizz tiegħu fil-Viċi-Parroċċa ta' San Ġiljan[17]. Aktar ma għadda ż-żmien, Xerri beda jħoss it-toqol tas-snin fuq spallejh, saħħtu bdiet sejra lura u Zammit daħal biex jissostitwiħ[18]. Xerri ħalla f'idejh it-tagħlim tad-duttrina u Dun Ġiljan daħal ukoll għall-ġbir ta' fondi u għall-manutenzjoni tal-knisja parrokkjali. Dan wassal sabiex fl-1895 beda jaġixxi ukoll bħala prokuratur tal-knisja[19].

Xerri bierek l-aħħar żwieġ nhar il-21 ta' Frar 1897[20] u għammed għall-aħħar darba fit-23 ta' April[21]. Kien marid serjament u talab għall-assistenza spiritwali mis-saċerdot li trabba miegħu- Ġiljan Zammit. Huwa rċieva l-vjatku solenni nhar it-8 ta' Ġunju u miet il-lejl ta' wara fil-preżenza tal-konfessur tiegħu, qraba u ħbieb[22]. Il-funeral tiegħu ġie

ċċelebrat l-għada u ġie midfun fil-knisja li tant ħabb, f'qabar fit-tarf tal-presbiterju ta' quddiem l-artal il-maġġur[23], li fuqu hemm imnaqqax epitaffju miktub minnu stess. L-imħabba tiegħu għall-Parroċċa ta' San Ġiljan kienet riflessa ukoll fit-testment tiegħu, fejn ma naqasx li jiftakar fiha[24].

Dun Ġiljan ġie maħtur vigarju kurat sakemm kellu jinħatar suċċessur ta' Xerri[25]. F'dan iż-żmien żar il-knisja l-Isqof Pace sab li l-qagħda tal-parroċċa kienet tajba[26]. Gazzetta lokali nfurmat lill-poplu li l-konkors jew eżami għall-ħatra ta' kappillan ġdid kellu jsir nhar it-8 ta' Novembru 1897[27] u għal dan il-konkors kien hemm erba konkorrenti, inkluż Zammit[28]. Dun Ġiljan inħatar it-tieni Kappillan ta' San Ġiljan nhar it-22 ta' Novembru u l-pussess tal-parroċċa ngħatalu mill-vigarju ġenerali fis-27 ta' l-istess xahar fost il-ferħ tal-poplu Ġiljaniż [29].

Matul il-parrokat tiegħu l-ħajja reliġjuża f'San Ġiljan kompliet twarrad bit-tkabbir tal-knisja tal-Karmelitani u l-miġja tas-Sorijiet tas-*Sacred Heart*[30]. Iżda, wara biss sitt snin fit-tmexxija tal-parroċċa, Zammit iddeċieda li jħalli postu għal kappillan ieħor minħabba l-kundizzjoni ta' saħħtu. Huwa amministra s-sagrament tal-magħmudija għall-aħħar darba bħala kappillan fis-7 ta' Jannar 1904[31] u dak taż-żwieġ fis-16 tax-xahar[32]. Kellu 34 sena biss meta rriżenja minn din il-kariga, iżda baqa' għal xi żmien bħala vigarju kurat. Miet mitt sena ilu, fit-23 t'Awwissu 1919, fl-eta żgħira ta' 39 sena[33].

Huwa interessanti li eżatt f'għeluq il-mitt sena mill-mewt tal-Kappillan Zammit, qed niċċelebraw il-pussess ta' kappillan ġdid minbarra dan l-anniversarju ta' l-ewwel saċerdot Ġiljaniż. Dan għaliex it-tnejn għandhom xi affarijiet komuni. Bħal Dun Ġiljan, Fr. Claude jaf il-bidu tal-vokazzjoni tiegħu fil-Parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, għalkemm it-tnejn twieldu ġewwa San Ġiljan. Bħalu ukoll assista l-kappillan fil-parroċċa u kien ukoll Rettur tal-Knisja ta' Lapsi u stinka sabiex il-knisja tinżamm fil-kundizzjoni li jixirqilha.



IT-TIELET KAPPILLAN
Dun Karm Bugelli
(1904-1907)

J'Alla Dun Claude isegwi l-eżempju sabiħ tal-Kappillani Ġużepp Xerri u Ġiljan Zammit, li kompla l-ħidma li beda Xerri. Dawn iż-żewġ kappillani prattikament bnew il-parroċċa tagħna, servew lil Alla u lill-poplu tiegħu b'umilta kbira. Għalkemm kellhom dottorat fit-teoloġija, ma tkabbrux, iżda kienu viċin ta' l-Insara kollha u tal-poplu ta' San Ġiljan. Huma ħabbew il-poplu u l-poplu ħabbhom lura.

**Dun Karm Bugelli (1904-1907)**

Dun Karm Bugelli kien magħżul wara konkors sabiex ikun is-suċċessur ta' Zammit fit-13 ta' Frar 1904[34]. Il-Vigarju Ġenerali Ġużeppi Mercieca tah il-pussess fis-17 ta' Frar u l-għada jidher jgħammed fil-parroċċa għall-ewwel darba[35]. Qabel ma sar Kappillan ta' San Ġiljan, huwa mexxa l-Parroċċa tal-Imqabba u kien ukoll Kanonku tal-Kolleġġjata

ta' Bormla, iżda l-ħatra ta' kappillan ġabet magħha r-rinunzja ta' kanonku[36]. Iżda dan ukoll kien parrokat qasir. Wara tliet snin u nofs imexxi l-parroċċa, Bugelli kien diġa qed jaħseb biex jirrinunzja. Huwa ffirma r-reġistru tal-magħmudijiet għall-aħħar darba fit-28 ta' Ottubru 1907[37] u Dun Ġustu Camilleri nħatar vigarju kurat sakemm intgħażel ir-raba Kappillan ta' San Ġiljan. Dun Karm telaq il-parroċċa biex imur jaqdi l-ħtiġijiet tar-ruħ tal-Maltin li marru jippruvaw jsibu xogħol fil-gżira ta' Korfu. Hemm irnexxilu jibni skola, knisja u dar għas-Sorijiet Franġiskani. Meta ġie lura ntbagħat Birżebbugia fejn inħatar l-ewwel kappillan tal-parroċċa. Xi żmien wara, Bugelli daħal ukoll fil-politika, biex jiddefendi l-fqir u l-batut. Ġie elett deputat tal-Partit tal-Ħaddiema fl-elezzjonijiet tad-9 u l-10 ta' Ġunju 1924, iżda rtira mix-xena politika meta vvota mal-Gvern kontra l-partit tiegħu stess għaliex ħass li kellu jivvota skond il-kuxjenza. Qatta l-aħħar żmien ta' ħajtu Bormla u miet fl-Isptar Ċentrali, fil-Furjana, fl-1936[38].

**Dun Amabile Bonanno- Kappillan għal 34 Sena (1908-1942)**

Wara tliet parrokati qosra wasal iż-żmien ta' l-itwal wieħed fl-istorja, dak ta' Dun Amabile Bonanno, Żebbuġi li għal 34 sena mexxa l-Parroċċa ta' San Ġiljan. Fis-17 ta' Jannar 1908, il-Papa Piju X ħareġ ittri appostoliċi li bis-saħħa tagħhom l-Arċisqof Pietru Pace seta jippublika d-digriet tal-ħatra ta' Dun Amabile Bonanno bħala r-raba' Kappillan ta' San Ġiljan. Bonanno ppreżenta ruħu l-Kurja fid-19 ta' Frar biex jitlob li dawn l-ittri appostoliċi jiġu esegwiti. L-Isqof bagħtu San Ġiljan minnfih biex jaġixxi bħala vigarju kurat għaliex kellu jibda viżta pastorali fil-parroċċa f'dawk il-jiem[39]. Huwa ġie appuntat kappillan fit-23 ta' Marzu u ngħata l-pussess tal-parroċċa tlett ijiem wara. L-ewwel firma tiegħu bħala kappillan tidher fir-reġistru tal-magħmudija tad-29 ta' Marzu[40].



IR-RABA' KAPPILLAN
Dun Amabile Bonanno
(1908-1942)

Il-Kappillan Bonanno ħabbat wiċċu ma' diversi problemi tul il-parrokat twil tiegħu fosthom żewġ gwerer dinjin u l-kwistjoni politiko-reliġjuża. Madankollu l-parroċċa kienet qed twarrad. F'dan il-perjodu San Ġiljan qala grazzja li għadu jgħożż sa llum: il-preżenza tas-Sorijiet Klarissi[41] u tal-Patrijiet Agostinjani[42], li fetħu l-kunventi tagħhom ġewwa l-lokalita. Is-Soċjeta tad-Duttrina Nisranija magħrufa bħala MUSEUM ukoll fetħet l-ewwel djar tagħha f'San Ġiljan f'dan iż-żmien, hekk kif fetħu l-bibien ta' l-Isptar *Zammit Clapp* immexxi mill-*Blue Sisters*. Kien żmien fejn ħafna għaqdiet bdew jiffurmaw fi ħdan il-parroċċa. Fosthom ġiet imwaqqfa l-Fratellanza ta' San Ġużepp, kif ukoll it-Terzjarji Karmelitani, ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla, il-*Figlie di Maria*, l-Għaqda ta' l-Appostolat tat-Talb, u l-Pija Unjoni ta' l-Addolorata. Imma kien ukoll żmien ta' bidla.

San Ġiljan ma baqax dak il-villaġġ żgħir ta' żmien il-viċi-parroċċa u tat-twaqqif tal-parroċċa. Ma baqax post ta' villeġġjatura imma beda jiżviluppa f'lokalita li tattira n-nies minħabba s-sbuħija naturali tiegħu. Dan Bonanno kien jafu ukoll. Skoperta riċenti turina ukoll li dan kien diġa beda jaħseb għall-bini ta' knisja ġdida. Hu xtaq jixtri biċċa art fi Triq Birkirkara li fuqha kien hemm (u



għad hemm) żewġt idjar- *Pembroke House* u *Boxer House*, iwaqqa d-djar u flokhom jibni knisja parrokkjali ġdida[43].

Kif għedt aktar 'il fuq, Bonanno jibqa mfakkar għaliex mexxa l-parroċċa tul żmien diffiċli ta' żewġ gwerer dinjija. Kien hu li ġie nkarigat li jqassam id-dqiq lin-nies tal-parroċċa tiegħu waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija[44]. Wara l-gwerra ma damx ma affronta l-problema ta' l-għaks, u kien hu ukoll li organizza l-ewwel purċissjoni bil-vara ta' San Ġiljan wara l-istess gwerra[45]. Fi żmienu twaqqaf ukoll il-Każin tal-Banda San Ġiljan bit-tħabbrik ta' Dun Pawl Galea. Kien ukoll il-kappillan li kkonsagra l-parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu, nhar it-30 ta' Settembru 1934[46].

L-aħħar snin ta' Bonanno ma kinux mis-sbieħ. Kien żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-parroċċa għalqet ħamsin sena mit-twaqqif tagħha, iżda dan ma kienx żmien ta' ċelebrazzjonijiet. San Ġiljan kien qed jiġi bbumbardjat u niesu sfaw midruba u xi uħud anke maqtula. Refuġjat f'San Ġiljan f'dak iż-żmien kien hemm Dun Frank Calleja Gera, li kien il-kollaboratur ewlieni ta' Bonanno. Dun Amabile kien marid u fit-3 ta' Novembru 1942 huwa għammed għall-aħħar darba[47]. Ftit ġranet wara ġie rikoverat fl-isptar *Zammit Clapp* li l-*Blue Sisters* waqqfu fi żmien il-parrokat tiegħu. Hemm irċieva l-aħħar sagramenti u miet fil-5 ta' filgħaxija tal-14 ta' Novembru 1942, fl-eta ta' 68 sena. Il-quddiesa tal-funeral tiegħu ġiet iċċelebrata mill-Isqof Emmanuele Galea fis-16 ta' Novembru[48] u wara ġie midfun fl-istess qabar taħt il-presbiterju tal-knisja parrokkjali[49] fejn min jaf kemm il-darba qaddes, u fejn kienu tqiegħdu diġa' l-fdalijiet ta' Dun Ġużepp Xerri, li miet madwar 45 sena qabel.

Bonanno jgħallimna bħall-predeċessuri tiegħu. Bħalma Xerri għamel qablu, Dun Amabile serva l-poplu Ġiljaniż għal snin twal, f'ċirkustanzi mhux faċli. Tul il-parrokat tiegħu l-parroċċa kompliet tisseddaq bil-ħidma ta' diversi għaqdiet ġodda u bil-preżenza ta' ordnijiet reliġjużi li żgur li ġabu magħhom influwenza pożittiva fuq il-ħajja spiritwali tal-parroċċa. F'San Ġiljan dawn l-ordnijiet sabu art fertili fejn setgħu jrabbu l-għeruq. Il-Kappillan Portelli għandu jagħraf li bħal Bonanno jaħdem id f'id ma' dawn l-ordnijiet reliġjużi li għandhom ħafna x'joffru lill-ħajja pastorali tal-parroċċa. F'Dun Mabbli, naraw ukoll il-figura paterna li hija karatteristika tal-kappillan- huwa prattikament għex il-parti kbira ta' ħajtu f'San Ġiljan u għalhekk naraw ċertu familjarita' li ġġib magħha ċertu tul ġewwa l-kariga. J'Alla li li l-parruċċani dejjem ikollhom dik il-familjarita' u ħbiberija ma' Dun Claude u s-suċċessuri tiegħu hekk kif kellhom il-Ġiljaniżi taż-żmien mal-Kappillan Bonanno.

**Dun Anton Debono (1943-1952)**

Bonanno miet fl-eqqel jiem tal-gwerra. Għalhekk nifmhu li l-kappillan li kellu jiġi warajh sab parroċċa mħarrbta għall-fatt li n-nies kienet tferrxet, b'uħud immorru refuġjati b'diversi bliet u rħula Maltin. Waqt iż-żmien ta' *sede vacante*, jidhru jgħammdu Dun Frank Calleja Gera bħala 'Vigarju Ekonomiku' u Dun Artur Fenech[50]. Dun Anton Debono ġie maħtur bħala Kappillan ta' San Ġiljan fi Frar 1943 u jidher jgħammed għall-ewwel darba fis-6 ta' April 1943[51]. Debono, li kien min-Naxxar, fi żmien il-gwerra kien vigarju tal-Parroċċa tal-Gudja.

Huwa għamel mill-aħjar li seta biex jorganizza l-parroċċa f'dan iż-żmien delikat. Għalhekk beda billi żied il-quddies u l-qrar biex jiġbed lura dawk il-parruċċani li kienu żammu bogħod mill-knisja parrokkjali u bdew jiffrekwentaw knejjes filjali. Organizza ukoll il-festi prinċipali li kienu jsiru matul is-sena b'għajnuna partikulari mill-fratellanzi, ewlenija fosthom il-Fratellanza tas-Sagrament li kienet torganizza l-festi ta' *Corpus*

*Domini*, il-Qalb ta' Ġesu' u l-Kwaranturi[52]. Organizza d-duttrina u kien għaref biżżejjed sabiex jinvolvi fil-ħajja liturġika tal-parroċċa studenti mħajjrin li jsiru saċerdoti, fosthom Karm Calleja u Fortunat Axiaq li kellhom isiru saċerdoti li ddedikaw ħajjithom għall-parroċċa, u Guido Calleja li kien refuġjat f'San Ġiljan u li kellu jkun is-seba' kappillan tal-parroċċa[53].

Il-Kappillan Debono kompla fuq ta' qablu imma għamel pass ieħor – daħħal għaqdiet ġodda fosthom iċ-Ċirklu ta' Azzjoni Kattolika tax-Xebbiet u wara anke ta' l-Irġiel u tal-Ġuvintur, kif ukoll il-*Legion of Mary*. Il-kleru ukoll għadda minn kambajmenti; ma' Dun Artur Fenech u Dun Vinċenz Pace żdiedu Dun Franġisk Zammit bħala viċi-parroku; Dun Pawl Galea, kappillan tal-Klarissi u tal-*Blue Sisters*; Dun Mikiel Camilleri, kappillan tas-*Sacred Heart* u Dun Franġisk Catania.



IL-ĦAMES KAPPILLAN
Dun Anton Debono
(1943-1952)

Fl-1948, l-Arċisqof bagħat f'San Ġiljan Naxxari ieħor- Dun Anton Sciberras li kien ilu biss sena li qaddes. Dun Anton intefa b'ruħu u ġismu għax-xogħol pastorali f'San Ġiljan u ħa f'idejh id-duttrina, diversi prokuri u l-fergħat ta' l-irġiel u l-aspiranti ta' l-Azzjoni Kattolika[54]. Debono fehem li bl-għajnuna ta' saċerdoti u ta' dawk imħajrin għal din it-triq seta jwaqqaf il-parroċċa fuq saqajha wara t-tifrik tal-gwerra.

Il-Kappillan Anton Debono ma ħalliex il-ħolma ta' Bonanno għal knisja parrokkjali ġdida tmut miegħu. Huwa filfatt ħa l-ewwel pass konkret f'din id-direzzjoni meta xtara biċċa art mingħand Carmela Galea minn Tas-Sliema. Debono xtara din l-art b'ċens ta' għaxar liri fis-sena u bi ftehim li kien igħid li x-xogħolijiet ta' bini kellhom jibdew fi żmien għaxar snin mid-data tax-xiri[55]. Barra minn hekk huwa fetaħ ukoll kont il-bank għal dan il-proġett. Iżda wara għaxar snin f'San Ġiljan, Dun Anton kien diġa qed jaħseb biex isir kappillan ta' parroċċa akbar. Dan ma damx ma seħħ għaliex fl-1952, huwa nħatar Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Publiju tal-Furjana. Għammed għall-aħħar darba bħala kappillan fl- 1 ta' Frar 1953[56].

**Dun Philip Grech (1953- 1956)**

Sebat ijiem wara fir-reġistri tal-magħmudija, Dun Philip Grech iffirma bħala '*parrochus electus delegatus*'[57]. Din iżda kienet il-bidu ta' storja qasira ferm. Dun Philip, bħal Bonanno, kien minn Ħaż-Żebbuġ, fejn nibtet il-vokazzjoni tiegħu. Fl-1 ta' Ottubru 1932 daħal is-Seminarju u hawn it-tjieba u l-intelliġenza tiegħu mill-ewwel ma ħarbitx mill-attenzjoni tas-superjuri[58]. Xhieda ta' dan hija l-għażla tiegħu sabiex jikteb u jaqra d-diskors ta' merħba fl-okkażjoni ta' l-ingress solenni ta' l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi fil-Katidral ta' l-Imdina, nhar it-22 ta' Mejju 1944[59]. Wara li qaddes, huwa mar ikompli l-istudji tiegħu fl-Universita' ta' Nottingham[60].



## IS-SITT KAPPILLAN: Dun Philip Grech (1953-1956)

Fil-15 ta' Frar 1953, huwa ħa l-pussess bħala s-sitt Kappillan ta' San Ġiljan minn idejn l-Isqof Emanuele Galea. Mhux xi sigriet li Dun Philip ma tantx kien milqugħ mill-Ġiljaniżi. Dun Anton Sciberras jispjegalna li Grech kien aktar mixħut għal edukatur milli għal kappillan u qatt ma qabad art sewwa fil-parroċċa. Sciberras ikompli li "l-ikbar qatgħa kien jeħodha meta kienet tasal il-festa ta' San Ġiljan- għalih kienet agħar minn sena skola jħambaq mat-tfal". Iżda memorji tajbin ta' Dun Philip fostna jeżistu ukoll; fosthom l-abbilita' tiegħu għall-predikazzjoni u għat-tagħlim tal-katekiżmu, id-dedikazzjoni tiegħu għall-kura ta' l-erwieħ u fl-aħħar u mhux lanqas għall-Azzjoni Kattolika, li tant kien iħobb[61].

Ma kenitx xi sorpriża meta fl-24 ta' Settembru 1956, huwa rrinunżja għall-parroċċa biex ingħaqad mas-Sależjani ta' Don Bosco, imsaħħar kif kien wara l-figura ta' dan il-qaddis taż-żagħżagħ[62]. Fi ħdan is-Sależjani huwa sab familja li ma kellux u din għenitu jsib il-veru vokazzjoni tiegħu- li jgħallem u jidderieġi spiritwalment liż-żgħażagħ. Kien ukoll l-ewwel surmast tal-Kulleġġ Savio f'Ħad-Dingli. Jibqa magħruf bħala kittieb ta' diversi pubblikazzjonijiet, fosthom il-biografija ta' Don Bosco, il-qaddis li sspiralu ħajtu. F'xi żmien serva ukoll bħala Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika. Miet nhar it-13 ta' Awwissu 1988[63].

L-eżempju tiegħu fil-ħidma mat-tfal u maż-żagħżagħ għandha tkun ta' eżempju għall-kappillan il-ġdid tagħha, fi żmien fejn din qed issir aktar u aktar importanti, u f'lokalita' bħal tagħna, imdawwra kif inhi b'tant postijiet ta' divertiment.

**Dun Guido Calleja - Il-Kappillan tal-Knisja l-Ġdida (1956-1965)**
Is-suċċessur ta' Dun Philip ma kienx wiċċ ġdid għal San Ġiljan. Bħala tifel iffrekwenta l-lokalita' u għamel il-kuraġġ lill-predeċessuri tiegħu biex jagħtu bidu għall-proġett ta' knisja parrokkjali ġdida[64]. Bħala seminarista u qassis kien ħadem fil-parroċċa. Dun Guido Calleja kellu jkun il-persuna li permezz tagħha l-ħolma ta' Bonanno kella sseħħ. Calleja ġie msejjaħ mill-Arċisqof Mikiel Gonzi biex jieħu sehem fl-eżami għall-kariga vakanti ta' kappillan, waqt li kien Malta fuq btala mill-istudji tiegħu f'Ruma[65]. Ġie maħtur fil-kariga nhar it-18 ta' Novembru 1956. L-ewwel firma tiegħu fir-reġistru tal-magħmudijiet iġġib id-data ta' l-10 ta' Novembru fejn iffirma bħala *'parrochus electus'*[66].

Dun Guido jibqa magħruf fostna bħala 'l-kappillan tal-knisja l-ġdida'. Huwa kien mimli entużjażmu biex jaffaċja din l-isfida meta sar kappillan. Madankollu ħa qatgħa meta sab li l-knisja kellha biss tliet mitt lira fil-kontijiet tagħha, u elf u ħames mitt lira fil-kont għall-bini tal-knisja l-ġdida[67]. Minn hemm beda jispjega lill-poplu li kien hemm bżonn li jkunu aktar ġenerużi biex knisja ġdida tinbena. L-ewwel problema li affaċċja Dun Guido kienet dik tas-sit tal-knisja - iżda wara numru ta' tentattivi nxrat l-art tal-knisja minn Carmela Galea. Issolvi problema u tinqala oħra: il-pjanijiet tiegħu kien ser ikunu mħarbta meta il-Gvern tefa' għajnejh fuq l-art għall-bini ta' skola. L-avventura li kellu jgħaddi minnha biex iġib il-permess ta' l-Isqof għax-xiri ta' l-art meta dan kien Għawdex u l-vapur ma kienx qed jaħdem, Dun Guido jirrakontaha b'mod umoristiku f'kitbiet tiegħu[68].




*Rigal mogħti lilu meta telaq mill-Parroċċa ta' San Ġiljan fi tmiem il-parrokkat tiegħu.* (Arkivju ta' San Ġiljan)



## IS-SEBA' KAPPILLAN: Dun Guido Calleja (1956-1965)

Il-kuntratt tax-xiri ta' l-art tal-knisja ġie ffirmat nhar l-1 ta' Mejju 1957 quddiem in-Nutar Dr. Maurice Gambin[69]. L-għada, il-Kappillan Calleja ta l-aħbar lill-poplu fil-knisja u minn hemm bdew sensiela ta' attivitajiet u inizjattivi biex jinġabru l-fondi biex tinbena l-knisja l-ġdida fosthom: fieri tas-sajf fil-Balluta, ġbir bieb bieb ta' żewġ soldi fil-ġimgħa, u saħansitra partita tal-*football*[70]. Ġiet imwaqqfa fundazzjoni ta' quddies li kellu jibda jiġi ċċelebrat fin-novena tal-Milied għal min ikontribwixxa għall-ispejjez ta' għoxrin ġebla tal-knisja[71]. Il-knisja ġiet mibnija bil-flus tal-fqar li għamlu sagrifiċċji.

Fid-9 ta' Lulju 1961, il-parroċċa organizzat festa kbira fl-okkażjoni tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida mill-Arċisqof Gonzi[72]. Il-ġebla ġiet imbierka fil-preżenza ta' l-għaqdiet reliġjużi u soċjali, kif ukoll tar-residenti tal-parroċċa kollha. F'din l-okkażjoni l-Kappillan Guido Calleja għamel ukoll diskors imqanqal, li kien il-qofol tal-parrokat tiegħu. Dan għaliex, Dun Guido, il-moħħ wara l-knisja l-ġdida, ma kellux jippresjedi bħala kappillan fil-ftuħ tagħha. Huwa kien imsejjaħ mill-Arċisqof biex ikun Kappillan tal-Parroċċa ta' Stella Maris ġewwa Tas-Sliema f'Settembru 1965. L-aħħar kitba tiegħu bħala kappillan fir-reġistru tal-magħmudija ġġib id-data tas-16 ta' Novembru ta' l-istess xahar[73].

Tkellimt ħafna fuq il-bini tal-knisja mhux għaliex il-parrokat ta' Dun Guido kien jikkonsisti unikament f'dan il-proġett. Xejn minn dan. Iżda nistgħu ngħidu li din kienet il-ħolma ta' Dun Guido, il-priorita tal-parrokat tiegħu, li biddlet l-istorja tal-parroċċa radikalment u li fiha jispikkaw il-kwalitajiet sbieħ tiegħu, liema kwalitajiet żgur li jistgħu



IT-TMIEN KAPPILLAN: Dun Ġwann Galea (1966-1982)

jkunu ta' eżempju sabiħ għal Dun Claude. Fil-proġett tal-knisja l-ġdida, Dun Guido wera fiduċja kbira fil-Providenza u l-Imħabba t'Alla, li mingħajra żgur ma kenitx ħtila knisja ġdida. Dan il-proġett wera ukoll kif Dun Guido għaraf jidħol fi qlub il-Ġiljaniżi, kif għaraf iqanqal l-entużjażmu tal-parruċċani għal dan il-proġett, kif ġabarhom flimkien biex jaħdmu għal għan wieħed, kif afda lil-lajċi biex jgħinuħ fil-ħidma tiegħu. Inħoss li qatt iżjed minn dan iż-żmien li minnu għaddejja bħalissa l-parroċċa, hemm bżonn ta' dan l-istess entużjażmu u għaqda.

Fl-aħħar inżid ukoll il-fatt li l-Kappillan Calleja żgur li nibqgħu niftakruh ukoll bħala fundatur tas-*St. Julian's Choir* li wara għadda f'idejn Dun Ġwann Galea, s-suċċessur tiegħu. Dun Guido ħadem ukoll biex ġab il-quddiem l-Azzjoni Kattolika f'San Ġiljan. Illum Monsinjur Calleja jaqdi d-dmirijiet saċerdotali tiegħu fil-Knisja ta' San Ġwann f'Magnolia Springs, Alabama, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Mhux l-ewwel darba li jiġi jżurna, u baqa' jsegwi l-ħajja tal-parroċċa tul iż-żmien.

**Dun Ġwann Galea (1966-1982)**

Lura fiż-żmien il-Kappillan Bonanno, fis-26 ta' Frar 1937 twieled Ġwanni, iben Anton u Franġiska Galea, li tgħammed minn żijuh Dun Pawl Galea fil-Knisja ta' San Ġiljan[74]. Mur għejd lil Dun Pawl dak iż-żmien, li wara bilkemm erbgħa snin ta' saċerdozju neputih, Ġwanni kellu jiġi msejjaħ biex ikun it-tmien Kappillan ta' San Ġiljan mill-Arċisqof Gonzi. Dun Ġwann, it-tieni kappillan mill-parroċċa (wara Dun Ġiljan Zammit), ingħata l-pussess tal-parroċċa nhar it-3 ta' April 1966 minn idejn l-Isqof Emmanuele Galea. In-nies ferħu

mhux ftit għall-aħbar li saċerdot mil-lokal, li ħafna minnhom kienu jafuh tifel, sar il-kappillan il-ġdid tagħhom u għalhekk organizzaw festa kbira fl-okkażjoni tal-pussess tiegħu. Filfatt huwa kellu jkun l-aħħar kappillan li ħa l-pussess fil-Knisja l-Qadima.

Dun Ġwann kellu jkun il-kappillan li jmexxi il-bini tal-knisja għat-tmiem tiegħu u lejn l-inawgurazzjoni tagħha. Għażel bħala motto għall-parrokat tiegħu: 'Tiġdid Spiritwali fi Knisja Ġdida'. Bit-tħabbrik tiegħu l-knisja ġiet miftuħa għall-pubbliku għall-ewwel darba fil-festa tad-Duluri nhar is-17 ta' Marzu 1967[75]. Dakinhar in-nies setgħu jaraw kif kienu mexjin ix-xogħolijiet tal-bini tal-knisja u kemm għad kellha bżonnijiet sabiex tkun tista tinfetaħ. Il-Kappillan Galea appella lill-poplu ta' San Ġiljan biex jgħinu fix-xogħol li kien qed isir fil-knisja u l-poplu għal darb'oħra rrisponda għas-sejħa tar-ragħaj tiegħu. B'hekk il-knisja setgħet tinfetaħ f'Ħadd il-Palm tas-7 ta' April 1968. Il-knisja ġiet imbierka fl-25 ta' Awissu[76] ta' l-istess sena u kkonsagrata fis-17 ta' Diċembru 1978[77].

L-isem ta' Dun Ġwann Galea huwa marbut intrinsikament mal-mużika sagra ta' pajjiżna. Kulħadd jaf kemm Dun Ġwann iħobb il-mużika sagra u kemm għamel unur lil San Ġiljan bit-talenti mużikali tiegħu. Fl-ewwel snin tal-ministeru saċerdotali tiegħu, kien għen lil Dun Guido fil-preparazzjoni tal-kor imwaqqaf fl-1957. Meta Dun Guido telaq it-tmexxijja tal-parroċċa l-koristi daru fuq Dun Ġwann biex iżomm il-kor magħqud. Dun Ġwann baqa fit-tmexxijja tal-kor tul il-parrokat tiegħu, u fil-ħin misruq tiegħu, f'perjodi mill-aktar iebsin bix-xogħol għaddej fuq il-bini tal-knisja l-ġdida, kompla jħejji l-kor u mexxih għal suċċessi sbieħ u fama tajba ma' Malta kollha.



## ID-DISA' KAPPILLAN: Dun Tony Agius (1982-1998)

Fis-sena 1982, Dun Ġwann ġie msejjaħ minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca biex ikun id-delegat tiegħu għall-parroċċi. L-Isqof iżda talbu jibqa jmexxi s-*St. Julian's Choir* u hekk għamel sakemm il-kor spiċċa, kif baqa jservi l-parroċċa sal-ġurnata ta' llum fil-quddies ta' kuljum. Naħseb li jekk hemm xi ħaġa li tolqotni f'Dun Ġwann hija l-umilta' tiegħu. Dan hu l-valur li naħseb li l-aktar jispikka f'dan il-kappillan, apparti l-familjarita' tiegħu mal-poplu ta' dan il-lokal bħala Ġiljaniż. Dun Ġwann jgħallem lis-suċċessuri tiegħu biex ikunu viċin tan-nies ta' San Ġiljan fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

**Dun Tony Agius (1982-1998)**

Huwa diffiċli biex wieħed jikteb fuq persuni li kiber u ħadem magħhom. Diffiċli tkun oġġettiv meta l-ġrajjiet ta' dawn il-kappillani, li mexxew il-parroċċa wara Dun Ġwann Galea, għext parti kbira minnhom int ukoll. Aħfruli jekk dawn l-aħħar tlett kappillani se nitkellem fuqhom mill-esperjenza tiegħi tagħhom u ta' ħidmiethom, għalkemm ser nipprova nkun oġġettiv kemm nista.

Il-parrokat ta' Dun Tony Agius huwa t-tieni l-itwal fl-istorja tal-parroċċa, wara dak tal-Kappillan Bonanno. Mhux ta' b'xejn li wara tant snin li Dun Tony spiċċa minn kappillan ħafna parruċċani għadhom iħossu n-nuqqas tiegħu fit-tmun tal-parroċċa. Kif jista jkun li l-parruċċani ma jidrawx bniedem li għamel kważi sbatax-il sena jmexxi lil San Ġiljan?! Bħal Dun Claude, Dun Tony għex l-ewwel snin tal-vokazzjoni tiegħu fil-Parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema u wara ntbagħat fil-parroċċa tagħna bħala viċi-parroku. Hawn kien akkumpanjat minn erba' viċijiet oħra. Meta Dun Ġwann inħatar delegat ta' l-Arċisqof, il-Viċi-Parroku Agius inħatar Kappillan ta' San Ġiljan u jidher jamministra l-magħmudija l-ewwel darba bħala kappillan fis-27 ta' Frar 1982[78].



Dun Tony għaraf li ż-żminijiet kienu qed jinbiddlu u li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, il-vokazzjonijiet kellhom jonqsu. Għalhekk beda ħidma bla heda, li kkaraterizzat l-aktar il-parrokat tiegħu – il-ħidma mal-lajċi. Dun Tony qiegħed lil-lajċi fiċ-ċentru tal-ħajja parrokkjali. Waqqaf il-Kunsill Pastorali Parrokkjali[79], diversi kummissjonijiet u gruppi biex jgħinu fil-ħidma pastorali, amministrattiva u prattika tal-parroċċa. Beda l-adorazzjoni komunitarja fl-ewwel ħamis ta' kull xahar li kellha tkun animata mill-għaqdiet. Naħseb li kien il-kappillan li laqa l-isfidi li l-Konċilju Vatikan II għamel lill-Knisja u lill-parroċċi tagħha- ewlenija fosthom il-parteċipazzjoni attiva tal-lajċi fil-ħajja pastorali u fil-liturġija tal-knisja[80]. Dan ma jfissirx li bħal kappillani ta' qablu ma kienx ikun preżenti hu ukoll: naf li kien jiddeddika ħafna ħin jisma n-nies fl-uffiċċju tiegħu fejn kien jilqagħhom ta' kuljum; biex jagħti kelma ta' faraġ lil min kien għaddej minn diffikultajiet u jgħin lil dawk l-aktar fil-bżonn.

Il-parrokat ta' Dun Tony kien immarkat ukoll minn diversi avvenimenti speċjali, fosthom il-festi ċentinarji tal-parroċċa u dawk tal-wasla tal-vara

titulari ta' San Ġiljan. Għal dan il-għan waqqaf kumitati biex jieħu ħsieb jorganizzaw dawn il-festi. Hawn tidħol il-festa ta' San Ġiljan li kienet f'qalb Fr. Tony, li għaraf kemm setgħet tkun mezz sabiex il-familja parrokkjali tingħabar aktar flimkien u biex il-knisja tilħaq lil dawk li huma 'l bogħod minnha.

Naħseb li Dun Tony kellu (u żgur għad għandu) talent speċjali- dak li josserva u jagħraf it-talenti ta' l-oħrajn u jagħmel ħiltu biex jinvolviehom f'ħidma fil-parroċċa fejn dawn it-talenti tagħhom iħallu l-frott. Mil-lenti tiegħi nista ngħid li fi żmien il-parrokat tiegħu konna nħossuna familja waħda ħafna aktar mil-lum. Naħseb li Dun Tony stinka sabiex jidħol fiż-żarbun ta' Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb sa' l-aħħar tal-parrokat tiegħu. Il-quddiesa ta' ringrazzjament għall-ħidma tiegħu fostna li saret fid-9 ta' Jannar 1998 tibqa stampata ġo moħħi bħala waħda mill-aktar funzjonijiet kommoventi li servejt bħala abbati- speċjalment meta Dun Tony kanta parti minn Isaija 49: *'I will never forget you my people'*.

Iżda l-isbaħ ġurnata f'dan il-parrokat kienet dik tas-27 ta' Mejju 1990, meta Dun Tony laqa lill-Qdusija Tiegħu, il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-knisja parrokkjali tagħna[81], ġrajja li tibqa mnaqqxa b'ittri dehbiena fl-istorja ta' San Ġiljan u ġewwa qlubna, kif jibqa l-parrokat ta' Dun Tony Agius.



L-GĦAXAR KAPPILLAN: Dun Martin Cardona (1999-2003)

**Dun Martin Cardona (1999-2003)**

Il-Kappillan Martin Cardona beda l-ministeru pastorali tiegħu bħala l-għaxar kappillan tal-parroċċa, nhar il-31 ta' Jannar 1999, meta ħa l-pussess minn idejn l-Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali Mons. Annetto Depasquale. Wara parrokkat twil, dan kellu jkun parrokat qasir, iżda ta' importanza kbira. Dun Martin ta sens ta' organiżazzjoni lill-parroċċa tagħna, fuq l-għatba ta' Millenju ġdid. Huwa jibqa mfakkar bħala l-kappillan li filfatt daħħal il-parroċċa fil-Millenju l-ġdid. Kwalita' ta' min jammiraha fih kienet is-sens ta' kontinwita' li ta lill-ħidma li diġa kienet għaddejja fil-parroċċa. Huwa għaraf il-ġid li kien sar minn dawk ta'qablu u kompla saħħaħ l-għaqdiet u l-kummissjonijiet tal-parroċċa anke fid-dawl tas-Sinodu Djoċesan li ngħata bidu waqt il-parrokat tiegħu. Kompla jżomm il-lajċi fiċ-ċentru tal-ħajja pastorali u investa fil-formazzjoni tagħhom, kif ukoll f'sens ta' responsabbilta' akbar f'din il-ħidma.

Dun Martin ħadem bla heda biex immodernizza l-mod ta kif taħdem il-parroċċa. Kulħadd jaf kemm kien perfezzjonist f'xogħlu, kemm kien jagħmel ħin l-uffiċċju. Nafu ukoll fi żmien il-parrokat tiegħu dam bla viċi-parroku għal ħafna żmien u prattikament mexxa l-parroċċa

waħdu. Ma ninsa qatt meta għamel il-*house visits* tat-tberik waħdu u wara, f'xid-9 ta' bil-lejl kien jibqa ġej xi laqgħa ta' għaqdiet u kummisjonijiet tal-parroċċa. Dun Martin kompla jinvesti ukoll fil-ħidma ta' għaqdiet soċjali tal-parroċċa li dejjem tagħhom spażju sħiħ biex jiżviluppaw u biex jużaw il-faċilitajiet tal-parroċċa. Naħseb iżda li l-akbar kwalita tiegħu kienet is-sens ta' apprezzament li kien juri lil min kien joffri l-għajnuna lill-parroċċa tagħna- Dun Martin qatt ma kien jonqos li jgħid grazzi lil dak li jkun. Is-sens ta' umilta' tiegħu u dik il-grazzi kienet tiswa ħafna għaliex il-membri ta' l-għaqdiet kienu jħossuhom apprezzati.

**Dun Ray Toledo (2003-2009)**

Dun Ray Toledo beda l-ministeru tiegħu bħala l-ħdax kappillan tal-parroċċa tagħna fil-Milied ta' l-2003. Matul il-parrokat tiegħu ħadem biex il-parroċċa tkompli tagħti priorita lill-ħajja pastorali, b'enfasi partikolari fuq devozzjoni lejn Ġesu' fl-Ewkaristija bħala l-għajn u l-bidu li minnha kella tispira ruħha kull ħidma fil-parroċċa. Huwa introduċa adorazzjonijiet fis-skiet bejn quddiesa u oħra kull nhar ta' xogħol. Żdiedu ukoll l-irtiri, *seminars* ta' formazzjoni għal-lajċi impenjati, kif ukoll twaqqfu l-kummissjonijiet kollha skond in-normi ġodda ntrodotti fis-Sinodu. Involva ukoll diversi uċuħ ġodda fil-ħajja tal-parroċċa.

Wara dan il-parrokat iżda kellna ukoll persuna oħra - Dun Claude Portelli li ħadem bħal l-id il-leminija tal-Kappillan Toledo. Min kellu jgħidilna li wara Dun Ray kellu jkun hu r-ragħaj il-ġdid tagħna! Mill-aħħar tlett Kappillani Dun Claude jista jislet kwalitajiet sbieħ ta' min jammirahom: fosthom il-viżjoni ta' Dun Tony, l-organizazzjoni ta' Dun Martin u l-entużjażmu ta' Dun Ray.



IL-ĦDAX-IL KAPPILLAN: Dun Ray Toledo (2003-2009)



Xtaqt li kieku nelabora aktar fuq il-persunaġġi li maż-żmien okkupaw il-post ta' Kappillan tal-Parroċċa tagħna, iżda kien impossibli nagħmel dan f'artiklu wieħed, anzi żgur li tawwalt iżżejjed! Inktibu diversi artikli tul iż-żmien u għad jinkitbu fil-futur minn storiċi li dejjem isibu sorsi ġodda biex jiktbu l-bijografiji ta' dawn ir-ragħajja tal-komunita tagħna. Permezz ta' din il-kitba ppruvajt nagħżel il-kwalitajiet sbieħ tagħhom, kwalitajiet li għadhom ħajjin fil-komunita parrokkjali tagħna, għaliex kull wieħed minn dawn il-ħdax il-kappillan ħalla xi wirt warajh- xi għaqda, xi opra tajba li għadha tagħmel il-ġid.

Nagħlaq bi ħsieb li kien għamel Dun Anton Sciberras f'*Il-Mixja* ta' Marzu 1999: 'Kappillan ta' parroċċa, waħdu ma jagħmel xejn, jew ftit wisq'[82]. Il-Kappillan Portelli għandu quddiemu sfida diffiċli- l-kleru tal-parroċċa huwa żgħir ħafna u bil-ħatra tiegħu, il-parroċċa sfat ukoll bla viċi. Hawn nidħlu aħna. Jeħtieġ li l-parruċani kollha jagħrfu li bħala nsara mgħammda, kollha għandna nagħtu sehemna għall-ġid tal-parroċċa. Il-Kappillan Portelli, min-naħa tiegħu għandu jagħti priorita' kbira lill-lajċi u l-formazzjoni sħiħa tagħhom għaliex bla formazzjoni ma jkollniex pedamenti sodi. Fl-okkażjoni tal-pussess ta' Dun Claude laqtuni żewġ punti, wieħed fid-diskors tas-Sur Carm Fenech u ieħor fl-omelija ta' Monsinjur Arċisqof. Ta' l-ewwel fakkarna li l-kappillan huwa bniedem bħall-oħrajn. Bħalna jkollu l-mumenti sbieħ u iebsin fil-ħajja, bħalna jbati bil-burdati, bħalna mhux dejjem jaqbel mal-ħsibijiet ta' l-oħrajn. Mons. Cremona, min-naħa tiegħu fisser il-missjoni tar-ragħaj bħala waħda li tħares mhux biss b'imħabba lejn il-merħla avdata f'idejn is-saċerdot, iżda bħala waħda li tħares lejn in-nagħaġ li forsi maż-żmien tilfu t-triq jew qatt ma qabduha. J'Alla li l-parrokat ta' Dun Claude jkun imnebbaħ minn din ix-xbiha ta' Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb, u mill-eżempji u l-virtuijiet sbieħ tal-predeċessuri tiegħu, ewlieni fosthom Dun Ġużepp Xerri - missier il-parroċċa.

**RIFERENZI:**


[1] Diskors ta' Dario Kardinal Castillón Hoyos, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kleru Vatikana waqt il-preżentazzjoni ta' l-Istruzzjoni: 'Is-Saċerdot: Ragħaj u Mexxej tal-Komunita' Parrokkjali'. Aċċessibli fuq http://www.ewtn.com/library/CURIA/CCLPARPR.HTM .

[2] Ġw 10: 1-21.

[3] Nikolai Papagiorcopulo, *The Mission of the Secular and Religious Orders in the Locality of San Ġiljan*, teżi mhux ippublikata għall-Baċellerat ta' l-Arti fit-Teoloġija (April 2007), 23.

[4] Alexander Bonnici, *Mitt Sena Ilu: Miet Dun Ġużepp Xerri*, f'*Il-Mixja* (Diċembru 1997) 2-3.

[5] Winston L. Zammit, *Dun Ġużepp Xerri D.D. (1823-1897). L-Ewwel Kappillan ta' San Ġiljan*, Malta 1997, 7.

[6] Alexander Bonnici, *Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 149-181.

[7] Winston L. Zammit, *Dun Ġużepp Xerri D.D. (1823-1897). L-Ewwel Kappillan ta' San Ġiljan*, Malta 1997, 8.

[8] Winston l. zammit, *San Ġiljan fis-Seklu 19*, f'*Il-Mixja* (Awwissu 1998) 15.

[9] AAM, Canc., XV, SG, ff. 95v-96.

[10] *L'Ordine*, 18.X.1897.

[11] APSĠ, Bapt I, n.1078.

[12] APSĠ, Bapt I, n.1073.

[13] *L'Ordine*, 14.VIII.1893.

[14] ASĠ, *Sodalita del Ssmo Sacramento.*

[15] *L'Ordine,* 19.VI.1897.

[16] Alexander Bonnici, *Mitt Sena Ilu: Miet Dun Ġużepp Xerri*, f'*Il-Mixja* (Diċembru 1997) 2-3.

[17] Winston L. Zammit, *Il-Kappillan Ġiljan Zammit D.D. (1870-1909). Mitt Sena minn Mewtu*, f'*Lapsi-Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan* (Awwissu 2009), 13.

[18] Winston L. Zammit, *Dun Ġiljan Zammit D.D. (1870-1909),* f'*Il-Mixja* (Novembru 1997) 4.

[19] Winston L. Zammit, *Il-Kappillan Ġiljan Zammit D.D. (1870-1909). Mitt Sena minn Mewtu*, f'*Lapsi-Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan* (Awwissu 2009) 13

[20] APSĠ, Matr, I, f.21, n.39.

[21] APSĠ, Bapt, II, f.84, n.279.

[22] *L'Ordine,* 19.VI.1897.

[23] Ibid.

[24] Alexander Bonnici, *Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 149-181.

[25] APSĠ, Bapt, II, n.1328.

[26] Alexander Bonnici, *Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 149-181.

[27] *L'Ordine*, 26.X.1897.
[28] Winston L. Zammit, *Il-Kappillan Ġiljan Zammit D.D. (1870-1909). Mitt Sena minn Mewtu*, f'*Lapsi-Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan* (Awwissu 2009), 13.
[29] *L'Ordine*, 30.XI.1897.
[30] Alexander Bonnici, *Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 165-168.
[31] APSĠ, Bapt, II, f.212, n.658.
[32] APSĠ, Matr, I, f.72, n.118.
[33] Winston L. Zammit, *Il-Kappillan Ġiljan Zammit D.D. (1870-1909). Mitt Sena minn Mewtu*, f'*Lapsi-Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan* (Awwissu 2009), 13.
[34] Alexander Bonnici, *Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 169-171.
[35] APSĠ, Bapt., II, f.214, n.664.
[36] Joseph Bonello, *Il-Kanonku Bugelli*, f'*Leħen is-Sewwa* 08.XII.1979.
[37] APSĠ, Bapt., II, f. 284, n. 907.
[38] Joseph Bonello, *Il-Kanonku Bugelli*, f'*Leħen is-Sewwa* 08.XII.1979.
[39] Alexander Bonnici, *Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 171-176.
[40] APSĠ, Bapt., II, f.294, n.936.
[41] Alexander Bonnici, *Id-Dami Fqajrin ta' Santa Klara*, f'*San Ġiljan* (Awwissu 2006) 60-63.
[42] Henry Schembri, *L-Agostinjani f'San Ġiljan*, f'*San Ġiljan* (Awwissu 2007) 77-81.
[43] Winston L. Zammit, *Tentattiv biex tinbena Knisja Parrokkjali Ġdida f'San Ġiljan (1919)*, f'*San Ġiljan* (Awwissu 2003) 53-5.
[44] Alexander Bonnici, *Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 171-176.
[45] Spiru Tanti, *L-Ewwel Festi ta' San Ġiljan ta' Wara l-Gwerra 1914-1919*, f'*Il-Mixja* (Ottubru 1987) 8.
[46] Spiru Tanti, *Il-Konsagrazzjoni tal-Parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu*, f'*Il-Mixja* (Settembru 1986) 3.
[47] APSĠ, Bapt., V, f.116, n.304.
[48] APSĠ, Def., III, n.806.
[49] Kopja tal-liċenzja għad-difna fil-pussess ta' l-awtur.
[50] APSĠ, Bapt, V, f.117, no.305 – f.135, no.352.
[51] APSĠ, Bapt, V, f.136, no.353.
[52] [Anton Sciberras], *Lejn iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa (10). Il-Kappillani Tagħna*, f'*Il-Mixja* (Novembru 1989) 10.
[53] Karm Calleja, *Il-Kappillani Dun Anton Debono u Dun Philip Grech*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 171-176.
[54] Andrew Borg, *Dun Anton Kitbietu Miġbura*, Malta 2007, 16-17.
[55] Guido Calleja, *Issa Jmiss lil San Ġiljan*, f'*Il-Mixja* (Novembru 1989), 6.
[56] APSĠ, Bapt, VIII, f.168, no.509.
[57] APSĠ, Bapt, VIII, f.169, no.512.
[58] Anon, *Fr Philip Grech SDB*, f'*Don Bosco- Bulettin Salesjan* (Novembru-Diċembru 1988) 8-11.
[59] Il-kopja oriġinali ta' dan id-diskors tinsab merfugħa fl-Arkivju San Ġiljan fil-Knisja ta' Lapsi.
[60] Stanley Spiteri, *Apprezzament: Dun Philip Grech S.D.B.*, f'*Il-Ħuġġieġa* (Ottubru-Novembru 1988).
[61] [Anton Sciberras], *Lejn iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa (11). Il-Kappillani Tagħna*, f'*Il-Mixja* (Diċembru 1989)
[62] Eddie Skie, *From Parish Priest to a Biographer of D. Bosco. Fr Philip Grech SDB*, f'*Don Bosco- Bulettin Salesjan* (Novembru-Diċembru 1988) 12-15.
[63] Anton Sciberras, *Il-Kappillan Dun Philip Grech, B.A., B.D.*, f'*Il-Mixja* (Settembru 1988) 5.
[64] Guido Calleja, *Issa Jmiss lil San Ġiljan*, f'*Il-Mixja* (Novembru 1989) 6.
[65] Guido Calleja, *Is-Seba Kappillan: Dun Guido Calleja (1956-1965)*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 225-248.
[66] APSĠ, Bapt., VIII, n.1181.
[67] Guido Calleja, *Issa Jmiss lil San Ġiljan*, f'*Il-Mixja* (Novembru 1989) 6.
[68] Guido Calleja, *Is-Seba Kappillan: Dun Guido Calleja (1956-1965)*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 225-248.
[69] Kopja tal-kuntratt fil-pusess ta' l-awtur.
[70] Guido Calleja, *Is-Seba Kappillan: Dun Guido Calleja (1956-1965)*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 225-248.
[71] Ibid.
[72] John Agius, *Bidu Ġdid 40 Sena Ilu*, f'*San Ġiljan* (Awwissu 2006) 39-41.
[73] APSĠ, Bapt., VIII., f.724, n.2659.
[74] APSĠ, Bapt., IV., f.12-13, n.29.
[75] Joseph E. Storace, *Storja u Folklore: Il-Parroċċa l-Ġdida (8)*, f'*Il-Mixja* (Mejju 1977) 13.
[76] Joseph E. Storace, *Storja u Folklore: Il-Parroċċa l-Ġdida (9)*, f'*Il-Mixja* (Ġunju 1977) 13.
[77] John Galea, *Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja*, f'*Il-Mixja* (Novembru 1978) 2.
[78] APSĠ, Bapt., IX., f.397, n.61.
[79] Tony Agius, *Id-Disa' Kappillan: Dun Tony Agius (1982-1998)*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 259-272.
[80] Ara suppliment speċjali ta' *Il-Mixja* (Diċembru 1998).
[81] Tony Agius, *Il-Papa f'San Ġiljan- 27 ta' Mejju 1990*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 273-288.
[82] Andrew Borg, *Dun Anton Kitbietu Miġbura*, Malta 2007, 118.